MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tas-6 ta' April, 2005

Avviz Numru. 1329/2000/1

**Sebastian Duca**

**Vs**

**Anthony Ferriggi**

Il-Qorti,

Rat l-avviz in esami li bih l-attur talab sabiex il-konvenut jghid il-ghaliex ma ghandux jigi kundannat li jhallas lill-attur is-somma ta' erba' mija tnejn u sebghin liri Maltin u tlieta u tletin centezmu (Lm472.33), prezz ta' tiles u oggetti ohra mibjugha u kkonsenjata lill-konvenut u dan kif jidher minn 'settlement' anness mal-avviz u mmarkat Dok A. Bl-imghaxijiet u bl-ispejjez kollha kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat kif ukoll id-dokument anness mal-istess avviz u markat 'Dokument A", a fol 2 tal-atti.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut a fol 7 tal-atti u li biha eccepixxa bir-rispett:-

1. Illi in liena preliminari, l-azzjoni attrici tinsab preskritta bil-passagg ta' tmintax il-xahar mid-data tal-bejgh u konsenja tal-materjal, skond l-Artikolu 2148 sub-inciz (b) tal-Kodici Civili (Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta).
2. Illi subordinatament u bla pregudizzju dan l-ammont m'huwiex dovut lill-attur.
3. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni dwar l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni kif sottomessa mill-konvenut.

Ikkunsidrat

Illi din is-sentenza hi ristretta ghall-imsemmija eccezzjoni sottomessa mill-konvenut a basi tal-artikolu 2148(b) tal-Kodici Civili li jghid illi l-azzjonijiet ta' kredituri ghall-prezz ta' merkanzija, oggetti jew hwejjeg ohra mobbli mibjugha bl-imnut, huma preskritti bl-gheluq ta' tmintax il-xahar.

Illi dwar l-istess eccezzjoni jkun opportun li ssir referenza, l-ewwel nett, ghall-provi prodotti mill-attur cjoe:-

a) Kopja legali ta' ittra ufficjali, bir-referta relattiva u li jinsabu annessi a fol 27 u fol 28 'a tergo' tal-atti minn fejn jidher li l-attur kien interpella lill-konvenut sabiex jhallas is-somma pretiza fl-avviz u din dovuta bhala 'prezz ta 'tiles u oggetti ohra mixtrija …'. L-istess ittra ufficjali tidher li giet presentata fis-16 ta' Settembru 1996 u notifikata lill-konvenut fit-28 ta' Settembru 1996.
b) Paul Tabone (fol 12 et seq ibid) beda biex jghid li l-konvenut, li "… jigi hu il-mara tieghu" hu debitur tal-attur in konnessjoni ma' xoghol mibjugh minnu lill-istess konvenut oltre in rigward self ta' flus li kien sar mill-istess xhud u l-attur dejjem lill-konvenut. Ix-xhud spjega li madwar April tal-1996, kien gie effettwat il-bejgh tal-oggetti msemmija fl-avviz u fi kliemu stess, wara li dan kien sehh, kien jfakkar lill-konvenut sabiex jhallas il-prezz lill-attur izda dan ma

kienx avvera ruhu avolja l-konvenut kien jghidlu "… malli jkollu l-flus kien ser jhallas". Dwar dawn it-talbiet ghall-hlas tal-istess prezz u li kien jaghmel lill-konvenut ix-xhud sema' l-ahhar wahda kienet saret fl-Ghid tal-2000.

c) L-attur a fol 17 et seq ibid specifika illi madwar April tal-2000, matul il-festi tal-Ghid, hu kien ltaqa' mal-konvenut presenti, ukoll, l-istess Paul Tabone. Dan kien qal lill-konvenut, f'din l-okkazjoni sabiex jhallas u l-konvenut da parti tiegu kien wiegeb "all right" u li kien ser jhallas. Inoltre bejn l-1996, meta kienet saret il-konsenja tal-oggetti in kwistjoni, kif specifikati fil-fattura a fol 2 tal-atti, u din l-okkazjoni, kien ghamel telefonati lill-konvenut dwar l-istess suggett kif ukoll tkellem mieghu "…hafna drabi" u f'dawn il-konversazzjonijiet il-konvenut kien jghidlu li kien ser jhallas l-istess prezz waqt li qatt ma kien ghamel xi kontestazzjoni.

d) Il-konvenut (fol 22 et seq ibid) meta xehed ammetta li kien xtara l-oggetti in esami u dawn kienu gew konsenjati. Inoltre hu sahaq li ma kienx hallas l-prezz relattiv peress li kien qed jippretendi hlas minghand l-attur ghal xoghol li hu kien esegwixxa fuq inkarigu tal-imsemmi Paul Tabone.

Inoltre l-istess konvenuta sema' li f'inkontru li kien sar bejnu l-attur u l-istess Paul Tabone, u li gara' " …… xi tlett snin/tlett snin u nofs wara li jiena kont xtrajt it-'tiles' minghand Duca", l-attur kien qallu "hu naqra hsiebi" u l-konvenut kien wiegeb "… fuq dan ikellmek is-sur Paul Tabone". Inoltre, l-konvenut jsostni li matul l-festi tal-Ghid tal-2000, hu, l-attur u Paul Tabone ma kienux tkellmu bejniethom kif ukoll li qatt ma kien irceva "… ittra sabiex inhallas l-ammont" anzi "… ma nafx li ircevejt l-ittra ufficjali".

Ikkunsidrat

Illi mill-provi kif esposti anke mix-xhieda tal-istess konvenut jidher evidenti illi l-perijodu ta' preskrizzjoni tal-azzjoni in esami kien gie interrot a basi tal-artikolu 2133 tal-Kodici Civili minghajr il-htiega ta' xi kumment ulterjuri.

Illi, pero', ghandu jissemma' li, kif proposta, din l-eccezzjoni hi ristretta ghall-avviz kif originarjament

intavolat u ma saret l-ebda eccezzjoni a basi ta' preskrizzjoni dwar is-self 'brevi manu' wara li l-avviz originali kien gie korrett.

Ghal dawn il-motivi, tichad l-eccezzjoni ta' preskrizzjoni tal-azzjoni in ezami, kif giet sottomessa u tordna li l-kawza titkompla sabiex jigi deciz il-meritu taghha.

Bl-ispejjes riservati.

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------